

32006D0797

L 324/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

23.11.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Novembru 2006

li tikkonċerna in-non inklużjoni ta' l-ammonium sulphamate, hexaconazole, sodium tetrathiocarbonate u l-8-hydroxyquinoline fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi attivi

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 5535)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/797/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju ta' l-1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/20/KE ⁽²⁾, u partikolarment ir-raba' sub paragrafu ta' l-Artikolu 8 (2) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE jstipola li Stat Membru jista', matul perjodu ta' tnax-il sena min-notifika ta' dik id-Direttiva, jawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi attivi mhux elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva li huma jkunu diġà fis-suq sentejn wara d-data ta' notifika, filwaqt li daww is-sustanzi jkunu qegħdin jiġu eżaminati bil-mod fil-kwadru ta' programm ta' ħidma.
- (2) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni(KEE) Nru 451/2000 ⁽³⁾ u (KE) Nru 1490/2002 ⁽⁴⁾ jstipulaw ir-regoli ddetaljati għall-implimentazzjoni tat-tieni u t-tielet stadju tal-programm ta' ħidma imsemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE. Għal sustanzi attivi li għalihom in-notifikant jonqos milli jwettagħ l-obbligi tiegħu skond dawn ir-Regolamenti, mhux se jsir ebda kontroll għall-kompletezza jew evalwazzjoni tad-dossier. Għall-ammonium sulphamate, hexaconazole, sodium tetrathiocarbonate u 8-hydroxyquinoline ma tressaq l-ebda dossier komplut fil-limitu taż-żmien preskritt. Għalhekk ma intwerix li t-tagħrif mogħti ma kienx biżżejjed biex jiddetermina jekk, skond il-kondizzjonijiet proposti għall-użu, prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi attivi msemmija jissodisfawx jew le b'mod ġenerali l-ħtiġiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE. Konsegwenza ta' dan, dawn is-sustanzi attivi m'għandhomx ikunu inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE u l-Istati Membri għandhom jirtiraw kull awtorizzazzjoni għall-

- (3) Għas-sustanzi attivi li għalihom hemm biss perjodu qasir ta' notifika bil-quddiem għall-irtirar ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi, huwa raġonevoli li jingħata perjodu ta' grazzja għar-rimi, l-ħażna, t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' l-istokk eżistenti għal perjodu ta' mhux iktar minn tnax-il xahar sabiex l-istokks eżistenti jkunu jistgħu jintużaw f'mhux iktar minn ċiklu ta' kultivazzjoni wieħed. Fil-każ fejn jinħtieġ perjodu itwal ta' notifika bil-quddiem, dan il-perjodu jista' jitqassar sabiex jiskadi fl-aħħar ta' l-istaġun tal-kultivazzjoni.

- (4) Għas-sodium tetrathiocarbonate u l-8-hydroxyquinoline għet ippreżentata u evalwata informazzjoni mill-Kummissjoni flimkien ma' esperti minn Stati Membri li wriet htiegħa għal aktar użu tas-sustanzi kkonċernati. Huwa, għalhekk, iġġustifikat, fiċ-ċirkustanzi preżenti, li jiġi preskritt, taħt kondizzjonijiet iebsa maħsuba li jnaqqsu r-riskju kemm jista' jkun, perjodu itwal għall-irtirar ta' l-awtorizzazzjonijiet li hemm fis-seħħ għall-użi limitati meqjusa bħala meħtieġa, minħabba li bhalijsa jidher li ma hemm l-ebda alternattivi effiċjenti disponibbli.

⁽¹⁾ ĠU L 70, 9.3.2004, p. 32.⁽²⁾ ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25.⁽⁴⁾ ĠU L 224, 21.8.2002, p. 23.⁽⁵⁾ Il-miżuri stipolati f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ammonium sulphamate, hexaconazole, sodium tetrathiocarbonate u 8-hydroxyquinoline m'għandhomx jiġu inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li:

- (a) Awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-ammonium sulphamate, hexaconazole, sodium tetrathiocarbonate u l-8-hydroxyquinoline għandhom jiġu rtirati sat-22 ta' Mejju 2007;
- (b) Mit-23 ta' Novembru 2006 ebda awtorizzazzjoni għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fiha l-ammonium sulphamate, hexaconazole, sodium tetrathiocarbonate u l-8-hydroxyquinoline ma tingħata jew tiġġedded skond id-deroga prevista fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE.

Artikolu 3

1. Permezz tad-deroga mill-Artikolu 2, Stat Membru elenkat fil-kolonna B ta' l-Anness jista' jżomm awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi elenkati fil-kolonna A ta' l-użi li huma elenkati fil-kolonna C ta' dak l-Anness sa mhux iktar tard mill-31 ta' Mejju ta' l-2010. Stat Membru li jagħmel użu mid-deroga stipolata fl-ewwel subparagrafu għandu jaċċerta li l-kondizzjonijiet li ġejjin jintlaħqu:

- (a) il-kontinwazzjoni ta' l-użu huwa permess sakemm ma jkollu l-ebda effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali u b' ebda influwenza inaċċettabbli fuq l-ambjent;
- (b) jaċċertaw li tali prodotti għall-protezzjoni ta' pjanti jibqgħu fuq is-suq wara 22 ta' Mejju 2007 u jiġu ttikkettjati mill-ġdid sabiex jaqblu mal-kondizzjonijiet ta' użu ristrett;

(ċ) jiġu imposti l-miżuri kollha għat-trażżin tar-riskju sabiex jitnaqqas kull riskju possibbli;

(d) jitfittxu b' mod serju alternattivi għal tali użi.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar il-miżuri li ttieħdu fl-applikar tal-paragrafu 1, u b' mod partikolari dwar l-azzjonijiet li ttieħdu skond il-punti (a) sa (d), sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru ta' kull sena.

Artikolu 4

Kull perjodu ta' grazzja mogħti mill-Istati Membri skond l-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE, għandu jkun qasir kemm jista' jkun.

Meta jiġu rtirati l-awtorizzazzjonijiet skond l-Artikolu 2(1) sa mhux iktar tard mit-22 ta' Mejju 2007, il-perijodu għandu jiskadi mhux iktar tard mit-22 ta' Mejju 2008.

Meta jiġu rtirati l-awtorizzazzjonijiet skond l-Artikolu 3(1) sal-31 ta' Mejju 2010, l-perijodu għandu jiskadi mhux iktar tard mit-30 ta' Novembru 2010.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 22 ta' Novembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Lista ta' awtorizzazzjonijiet msemmija fl-Artikolu 3(1)

Kolonna A	Kolonna B	Kolonna C
Sustanza attiva	Stat Membru	Użu
Sodium tetrathiocarbonate	Il-Greċja	Disinfettant tal-ħamrija fl-ortikoltura.
	Spanja	Disinfettant tal-ħamrija fl-ortikoltura u fil-ħxejjex biz-zkuk ta' l-injam.
8-hydroxyquinoline	Franza	Applikazzjoni fuq tirqid ta' dwieli.
	Il-Greċja	Disinfettant lokalizzat ta' ħamrija fl-ortikoltura, kultivazzjonijiet ta' siġar, kultivazzjonijiet ta' siġar ta' żebbuġ u ta' dwieli. Applikazzjoni fuq tirqid ta' dwieli.
	Spanja	Protezzjoni ta' ġrieħi wara ż-żabra fuq ħxejjex taz-zkuk ta' l-injam. Disinfettant tal-ħamrija lokalizzata fl-ortikoltura. Applikazzjoni fuq tirqid ta' dwieli.